**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 15 ta' Novembru 2010 (23.11)
(OR. en)**

**16156/10**

**LIMITE**

**DROIPEN 130
MIGR 115
CODEC 1248**

PUBLIC

**NOTE**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidency |
| lil: | COREPER |
| Nru dok. preċ.: | 157575/10 DROIPEN 117 MIGR 110 CODEC 1142 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI<br>- Finalisation of the draft text with a view to reaching a first reading agreement |

Further to the submission by the Commission of the above proposal in March 2010 and the general approach of the Council reached at the Council (JHA) on 4 June 2010, the LIBE/FEMM Committees of the European Parliament adopted draft amendments to this initiative during an orientation vote held on 2 September 2010.

Subsequently, the Presidency, acting on behalf of the Council, entered into negotiations with representatives of the European Parliament and of the Commission with a view to reaching an agreement on the text in first reading.

Three trilogues took place on 14 September, 5 October and 27 October respectively. Each trilogue was prepared at Council level by the Working Party on Substantive Criminal Law (DROIPEN) on the basis of a table submitted by the Presidency comparing the positions of the institutions and submitting compromise proposals.

A fourth trilogue took place on 11 November. The position of the Council was prepared by JHA Counsellors and discussed in Coreper on 3 November 2010.

The Presidency submits in Annex a consolidated version of the text. Parts which are underlined indicate the changes compared to the Council general approach of 4 June 2010. **Parts which are underlined and in bold** indicate recent changes brought to the text.

The text contained in Annex is submitted to Coreper as a package for a final compromise with the European Parliament, bearing in mind that the vote on this file in the LIBE/FEMM committee is scheduled for 29-30 November 2010.

The Presidency is of the opinion that an agreement in first reading is possible and should be based on two elements.

**1. Maintaining the Council position on major issues of substantive criminal law**

As discussed previously in Coreper, the European Parliament insisted strongly from the start on four issues which were of fundamental importance for it:

- **The level of penalties** (Article 4): the Parliament insists on levels of 6 and 12 years whereas the Council cannot accept levels above 5 and 10 years;
- **The extraterritorial jurisdiction** (Article 9): the European Parliament insists on establishing jurisdiction for offences committed by an habitual resident, whereas Coreper clearly indicated that such extension is not acceptable and that there is no margin of manoeuvre;
- **The criminalisation of the users of services of trafficking in human beings** (Article 15(4)) which is requested by the Parliament but which most delegations strongly oppose;
- **The Anti-Trafficking Coordinator.**

These issues were crucial because they are related to fundamental principles of criminal law or raised institutional issues. Discussions in Council demonstrated that the first three issues were the primary source of concerns of delegations with regard to negotiations with the Parliament, including for future instruments in this sector. Following the mandate given to it by the Council's bodies, the Presidency has therefore firmly maintained the position of the Council on these first three points which soon made the negotiation very difficult.

At the last trilogue which took place on 11 November 2010, the Parliament made it very clear that an agreement on this instrument without any flexibility from the Council on these issues seemed difficult to achieve. However, the Parliament remained open to trying to find an adequate balance in the context of a package.

## 2. Finding a compromise on the Anti-Trafficking Coordinator

In the Stockholm Programme, the European Council invited "*the Council to consider establishing an EU Anti-Trafficking Coordinator (ATC) and, if it so decides, to determine the modalities therefore in such a way that all competences of the Union can be used in the most optimal way in order to reach a well coordinated and consolidated EU policy against trafficking*". The Commission has already opened a vacancy for a high level post with a five years mandate for an ATC in its DG Home Affairs. The selection procedure will end in a few weeks.

For the European Parliament, the initiative taken by the Commission is not enough to ensure that an ATC is established on a permanent basis. Consequently, the European Parliament insists on creating a legal basis for the ATC through a specific Article in this Directive. The Presidency's attempts to limit references to the ATC to the recitals were rejected.

It is very clear that the only way to reach an agreement on this Directive, in the short or long term, especially without having to change the Council position on the three issues mentioned above, will imply to move in the direction of the Parliament, to some extent, on this key issue of the ATC.

Both the Council and the Commission insisted on the fact that the Directive is directed to Member States and that it is therefore not an appropriate instrument to regulate issues relating to the ATC itself. The Presidency is of the opinion that this position must be maintained and should constitute a red line for the Council.

This being said, the Presidency is also of the opinion that this still leaves some room for manoeuvre for a compromise ensuring sufficient visibility for the ATC in the operative part of the instrument without making this Directive a legal basis for the ATC.

The Presidency suggests to insert an Article 16a which would be drafted along the following lines:

***"Article 16a***

***Coordination of the EU approach on trafficking in human beings***

*In order to contribute to a coordinated and consolidated approach of the European Union against trafficking in human beings, Member States shall facilitate the tasks of the Anti-Trafficking Coordinator (ATC). In particular Member States shall transmit to the ATC relevant information, including information referred to in Article 16, in order to enable the ATC to report [every two years] [on a regular basis] on the progress made in the fight against trafficking in human beings."*

Other changes proposed by the Presidency following the last trilogue are highlighted in the Annex. The Presidency is of the opinion that these are of minor importance compared to the issues detailed above, but insists on the fact that they form part of the package.

The Presidency is of the opinion that the flexibility demonstrated by the European Parliament on the main substantive criminal law issues with a view to reaching a first reading agreement provides an opportunity that should be seized.

**In the light of the above, Coreper is invited to accept the compromise package contained in the Annex.**

**ANNESS**

2010/0065 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) It-traffikar tal-bnedmin huwa delitt gravi, spiss imwettaq fil-qafas tal-kriminalità organizzata, huwa ksur serju tad-drittijiet fundamentali u espliċitament projbit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ***(…)*** Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin hija prijorità għall-UE u l-Istati Membri.

(1a) Din id-Direttiva hija parti ta' azzjoni globali kontra t-traffikar tal-bnedmin li tinkludi azzjoni li tinvolvi pajjiżi terzi kif iddikjarat fid-"Dokument orjentat lejn l-Azzjoni dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-UE dwar l-azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin; Lejn Azzjoni Globali tal-UE kontra t-Traffikar tal-Bnedmin". [traduzzjoni mhux uffiċjali] F'dan il-kuntest għandha tittieħed azzjoni f'pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' trasferiment tal-vittmi, b'mod partikolari bl-għan ta' sensibilizzazzjoni, tnaqqis tal-vulnerabbiltà, l-appoġġ u l-assistenza għall-vittmi, l-ġlieda kontra l-kawżi bażiċi tat-traffikar u l-appoġġ għall-pajjiżi biex jiżviluppaw leġislazzjoni adatta kontra t-traffikar.

(1b) Din id-Direttiva tirrikonoxxi l-fenomenu speċifiku għas-sessi fit-traffikar u li n-nisa u l-irġiel huma ta' spiss ittraffikati għal finijiet differenti. ***Għal din ir-raġuni, il-miżuri ta' assistenza u appoġġ għandhom ikunu speċifiċi għas-sess fejn adatt.*** Il-fatturi "push" u "pull" jistgħu jkunu differenti skont is-setturi kkonċernati, bħat-traffikar tal-bnedmin fl-industrija tas-sess jew għall-isfruttament tax-xogħol, pereżempju, fix-xogħol tal-kostruzzjoni, is-settur agrikolu jew servitù domestika.

(2) L-Unjoni Ewropea hija impenjata biex tipprevjeni u tiġġieled t-traffikar tal-bnedmin, u li tipproteġi d-drittijiet tal-persuni ttraffikati. Għal dan il-fini, ġew adottati id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-Pjan tal-UE dwar l-aħjar prattiki, standards u proċeduri għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni u l-prevenzjoni tiegħu (2005/C311/01). (…) Barra minn hekk, il-Programm ta' Stokkolma, adottat mill-Kunsill Ewropew, jagħti prijorità ċara lill-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Għandhom jiġu previsti miżuri oħra, bħall-appoġġ għall-iżvilupp ta' indikaturi komuni tal-UE għall-identifikazzjoni ta' vittmi ta' traffikar, permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-atturi kollha rilevanti, partikolarment is-servizzi soċjali pubbliċi u privati.

(2a) L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri għandhom ikomplu jikkooperaw sabiex itejbu l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni transkonfinali mill-qrib, inkluż il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, kif ukoll il-kontinwità tad-djalogu miftuħ bejn l-awtoritajiet tal-pulizija, tal-ġudikatura u finanzjarji tal-Istati Membri hija essenzjali. Il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzjonijiet ta' każijiet ta' traffikar tal-bnedmin għandhom jiġu ffaċilitati b'kooperazzjoni msaħħa mal-Europol u l-Eurojust, l-istabbiliment ta' gruppi investigattivi konġunti kif ukull bl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitt tal-ġurisdizzjoni fil-proċedimenti kriminali.

(2b) L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu u jaħdmu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi magħrufa u attivi f'dan il-qasam u li jaħdmu ma' persuni traffikati, b'mod partikolari inizjattivi ta' tfassil ta' politika, kampanaj ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukattivi, taħriġ kif ukoll monitoraġġ u valutazzjoni tal-impatt ta' miżuri kontra t-traffikar.

(3) Din id-Direttiva tadotta approċċ integrat, olistiku u tad-drittijiet tal-bniedem għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u waqt l-imlimentazzjoni, għandu jittieħed kont tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti u tad-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali. Prevenzjoni, prosekuzzjoni u protezzjoni aktar rigorużi tad-drittijiet tal-vittmi, huma l-objettivi prinċipali ta' din id-Deċiżjoni. Din id-Direttiva tadotta wkoll fehimiet kuntestwali tal-forom differenti ta' traffikar u għandha l-għan li tiżgura li kull forma tkun ittrattata bil-miżuri l-aktar effiċjenti.

***(3a)*** It-tfal huma aktar vulnerabbli u huma għalhekk esposti għal riskju akbar li jsiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-konsiderazzjoni primarja, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

(4) Il-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2000 dwar il-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa u t-Tfal, li jissuplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transazzjonali, u l-Konvenzjoni tal-2005 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin huma passi kruċjali fil-proċess tat-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali kontra t-traffikar tal-bnedmin. Għandu jiġi nnotat li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa fiha mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, magħmul mill-Grupp ta' Esperti dwar azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin (GRETA) u l-Kumitat tal-Partijiet. ***(…) Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi għandha tiġi inkoraġġita l-koordinazzjoni bejn l-organizazzjonijiet internazzjonali b'kompetenza fir-rigward tal-azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin.***

(4a) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tan-non-refoulement f'konformità mal-Konvenzjoni relatata mal-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951 (Konvenzjoni ta' Ġeneva) ***u f'konformità mal-Artikolu 4 u l-Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.***

(5) Sabiex jiġu ttrattati l-iżviluppi reċenti tal-fenomenu tat-traffikar tal-bnedmin, din id-Direttiva tadotta kunċett iktar wiesgħa ta' dak li għandu jiġi kkunsidrat bħala traffikar tal-bnedmin minn dak li hemm fid-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI u għalhekk tinkludi forom ta' sfruttament addizzjonali. Fil-kuntest ta' din id-Direttiva, elemożina furzata għandha tiġi kkunsidrata bħala forma ta' xogħol jew servizz furzat kif definiti fil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 29 li tirrigwarda x-Xogħol Furzat jew Mġiegħel tad-29 ta' Ġunju 1930. Għalhekk, l-isfruttament tal-elemożina, *inkluż l-użu ta' persuna* ***dipendenti*** *traffikata għall-elemożina* ***(…)***, jaqa' fl-ambitu tad-definizzjoni tat-traffikar tal-bnedmin biss meta jeżistu l-elementi kollha tax-xogħol jew servizzi furzati. Fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti, il-validità ta' kunsens eventwali sabiex jitwettaq tali servizz għandha tiġi evalwata każ b'każ. Madankollu, meta jkunu involuti t-tfal, il-kunsens eventwali ma għandu qatt jiġi kkunsidrat validu. It-terminu "sfruttament ta' attivitajiet kriminali" għandu jinftiehem bħala sfruttament ta' persuna biex twettaq, inter alia, borseġġament, serq mill-ħwienet, ***traffikar*** tad-droga u attivitajiet simili li huma soġġetti għal pieni u jimplikaw profitt finanzjarju. Id-definizzjoni tkopri wkoll it-traffikar tal-bnedmin għall-għan tat-teħid tal-organi, li jikkostitwixxi ksur serju tad-dinjità tal-bniedem u l-integrità fiżika kif ukoll imġiba oħra ***(…)*** bħal pereżempju istanzi ta' adozzjoni illegali jew żwieġ furzat sakemm dawn jissodisfaw l-elementi kostituttivi tat-traffikar tal-bnedmim.

(6) Il-livelli tal-pieni f'din id-Direttiva jirriflettu l-preokkupazzjoni dejjem tikber fost l-Istati Membri rigward l-iżvilupp tal-fenomenu tat-traffikar tal-bnedmin. Għal din ir-raġuni din id-Direttiva tuża bħala bażi l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 u l-25 ta' April 2002 dwar l-approċċ li għandu jiġi applikat rigward l-approssimazzjoni tal-pieni, livelli 3 u 4. Meta jitwettaq reat f'ċerti ċirkostanzi, pereżempju kontra vittma partikolarment vulnerabbli, il-piena għandha tkun aktar ħarxa. Fil-kuntest ta' din id-Direttiva, persuni parikolarment vulnerabbli għandhom mill-inqas jinkludu t-tfal kollha. <u>Fatturi oħra li jista' jittieħed kont tagħhom fil-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà ta' vittmà jinkludu, pereżempju, is-sess, it-tqala, il-kondizzjonijiet tas-saħħa u d-diżabbiltà.</u> Meta r-reat huwa partikolarment gravi, pereżempju meta l-ħajja tal-vittma tkun tqiegħdet fil-periklu jew ir-reat kien jinvolvi vjolenza serja <u>bħat-tortura, l-uzu forzat tad-droga/medikazzjoni, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, jew b'mod ieħor</u> ikkawża dannu serju lill-vittma, dan għandu jiġi rifless b'piena partikolarment ħarxa. Meta, skont din id-Direttiva, issir referenza għal konsenja, tali referenza għandha tiġi interpretata f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri. <u>***Għandu jittieħed kont tal-gravità tar-reat kommess fil-qafas tal-eżekuzzjoni tas-sentenza.***</u>

<u>(6a)</u> <u>Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin għandu jsir użu sħiħ ta' strumenti eżistenti dwar qbid u konfiska tar-rikavati mill-kriminalità, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transazzjonali u l-Protokolli tagħha, il-Konvenzjoni tal-1990 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Laundering, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali, u d-Deċiżjoni Kwadru (2001/500/ĠAI) tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI ta' l- 24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità.</u> <u>L-użu ta' mezzi strumentali u rikavati maqbuda u kkonfiskati mir-reati msemmija f'din id-Direttiva għall-appoġġ tal-assistenza u l-protezzjoni tal-vittma, inklużi l-kumpens ta' vittmi u l-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi transkonfinali tal-UE kontra t-traffikar, għandu **_jiġi inkoraġġut._**</u>

(7) Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tal-Istati Membri rilevanti, ikunu protetti mill-prosekuzzjoni jew mill-kastig għall-attivitajiet kriminali bħalma huma l-użu ta' dokumenti foloz, jew reati taħt il-leġislazzjoni dwar il-prostituzzjoni jew l-immigrazzjoni, li huma ġew imġiegħla jagħmlu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li huma soġġetti għat-traffikar. L-għan ta' tali protezzjoni huwa li tissalvagwardja d-drittijiet tal-bniedem tal-vittmi, li tevvita aktar vittimizzazzjoni u li tħeġġeġ lill-vittmi biex jaġixxu bħala xhieda fi proċedimenti kriminali kontra l-perpetraturi. Din is-salvagwardja ma teskludix il-prosekuzzjoni jew il-kastig għal reati li persuna tkun għamlet jew ipparteċipat fihom volontarjament.

(8) Sabiex ikun żgurat li l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet dwar reati tat-traffikar tal-bnedmin jirnexxu, il-bidu tagħhom ma għandux jiddependi, fil-prinċipju, mir-rappurtar jew l-akkuża min-naħa tal-vittma. Meta (…) in-natura tal-att titlob dan, il-prosekuzzjoni għandha tingħata perijodu suffiċjenti ta' żmien wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri. It-tul tal-perijodu ta' żmien suffiċjenti għall-prosekuzzjoni għandu jiġi determinat f'konformità mal-liġi nazzjonali rispettiva. L-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi għandhom ikunu adegwatament imħarrġa, bil-għan ukoll li jtejbu l-infurzar tal-liġi internazzjonali u l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Dawk responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati għandhom ukoll ikollhom aċċess għall-għodod investigattivi użati fil-kriminalità organizzata jew każijiet serji oħra ta' kriminalità; dan jista' jinkludi interċettazzjoni ta' komunikazzjoni, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, monitoraġġ ta' kontijiet bankarji u investigazzjonijiet finanzjarji oħra.

(9) Sabiex tiġi żgurata prosekuzzjoni effettiva ta' gruppi kriminali internazzjonali li ċ-ċentru tal-attività tagħhom huwa fi Stat Membru u li jwettqu traffikar tal-bnedmin f'pajjiż terzi, għandha tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni dwar ir-reat tat-traffikar tal-bnedmin meta t-trasgressur ikun ċittadin ta' dak l-Istat Membru, u r-reat ikun imwettaq barra mit-territorju ta' dak l-Istat Membru. B'mod simili, il-ġurisdizzjoni tista' tiġi wkoll stabbilita meta t-trasgressur huwa resident abitwali, il-vittma hija ċittadin jew resident abitwali ta' Stat Membru, jew ir-reat jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru, u r-reat jitwettaq barra mit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

(10) Filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti tipprevedi l-ħruġ ta' permess ta' residenza lil vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, u d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament ft-territorju tal-Istati Membri tirregola l-eżerċizzju tad-dritt li jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri miċ-ċittadini tal-Unjoni u l-familji tagħhom, inkluża l-protezzjoni mit-tkeċċija, din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri protettivi speċifiċi għal kwalunkwe vittma ta' traffikar tal-bnedmin. Bħala konsegwenza, din id-Direttiva ma tittrattax il-kondizzjonijiet ta' residenza tagħhom fl-Istati Membri.

(11) Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv. Għalhekk għandhom ikunu disponibbli assistenza u appoġġ adatti lill-vittmi qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali. L-Istati Membri għandhom jipprevedu riżorsi għall-appoġġ tal-assistenza u l-protezzjoni tal-vittmi. L-assistenza u l-appoġġ provduti għandhom jinkludu mill-inqas sett ta' miżuri li huma neċessarji biex il-vittma tkun tista' tirkupra u taħrab mit-traffikanti. L-implimentazzjoni prattika ta' tali miżuri għandha, fuq bażi ta' valutazzjoni individwali magħmula f'konformità mal-proċeduri nazzjonali, tieħu kont tal-kondizzjonijiet, il-kuntest kulturali u l-ħtiġijiet tal-persuna kkonċernata. Persuna għandha tiġi provduta bl-assistenza u l-appoġġ hekk kif ikun hemm indikazzjoni raġonevoli li hi jew hu setgħet ġiet traffikata irrispettivament mill-volontà tiegħu/tagħha li tkun xhud. F'każijiet fejn il-vittma ma tirrisjedix legalment fl-Istat Membru, l-assistenza u l-appoġġ għandhom jingħataw mingħajr kondizzjoni ta' mill-inqas matul il-perijodu ta' riflessjoni. Jekk, wara li jintemm il-proċess ta' identifikazzjoni jew l-iskadenza tal-perijodu ta' riflessjoni, il-persuna ma tkunx ikkunsidrata eliġibbli għal permess ta' residenza jew inkella ma jkollhiex residenza legali fil-pajjiż, jew jekk il-vittmi telqu mit-territorju tal-Istat Membru, l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx obbligat li jkompli jipprovdi assistenza u appoġġ lil dik il-persuna fuq il-bażi ta' din id-Direttiva. Fejn meħtieġ, l-assistenza u l-appoġġ għandhom ikomplu jingħataw għal perijodu adatt wara l-proċedimenti kriminali, pereżempju jekk hemm trattament mediku kurrenti minħabba konsegwenzi fiżiċi jew psikoloġiċi severi tad-delitt, jew jekk is-sigurtà tal-vittma qiegħda f'riskju minħabba d-dikjarazzjonijiet tagħha fi proċedimenti kriminali.

(12) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt ta' protezzjoni u kumpens. Barra minn dan il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom jingħataw aċċess mingħar dewmien għal konsulenza legali u f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja rilevanti għal rappreżentanza legali, ukoll għall-fini ta' talba għal kumpens. Tali għajnuna legali tista' tiġi pprovduta wkoll mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' talba għal kumpens mill-Istat. L-għan tal-konsulenza legali huwa li tippermetti lill-vittmi li jkunu infurmati u jieħdu parir dwar il-possibbiltajiet diversi li huma miftuħa għalihom. Il-konsulenza legali għandha tingħata minn persuna li tkun irċeviet taħriġ legali adatt mingħajr ma tkun neċessarjament avukat. Il-konsulenza legali u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja rilevanti, ir-rappreżentanza legali għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas ta' mill-inqas meta l-vittma ma jkollhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji b'mod konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri. Minħabba li t-tfal vittmi b'mod partikolari x'aktarx li ma jkollhomx tali riżorsi, il-konsulenza legali u r-rappreżentanza legali jkunu fil-prattika ***(…)*** mingħajr ħlas għalihom. Barra minn hekk, abbażi tal-valutazzjoni ta' riskju individwali magħmula f'konformità mal-proċeduri nazzjonali, il-vittmi għandhom ikunu protetti mir-ritaljazzjoni, mill-intimidazzjoni, u mir-riskju li jerġgħu jiġu traffikati.

(13) Il-vittmi tat-traffikar li diġà ġarrbu abbuż u trattament degradanti li t-traffikar normalment joħloq, bħalma huwa l-isfruttament sesswali, l-istupru, il-prattiki simili għall-iskjavitù u t-tneħħija ta' organi, għandhom ikunu protetti mill-vittimizzazzjoni sekondarja u iktar trawma matul il-proċedimenti kriminali. Ir-repetizzjoni mhux meħtieġa ta' intervisti matul l-investigazzjoni, il-prosekuzzjonu u l-proċess għandha tiġi evitata, pereżempju, fejn adatt, permezz tal-produzzjoni, mill-iktar fis possibbli fil-proċedimenti, ta' reġistrazzjoni bil-vidjow ta' dawk l-intervisti. Għal dan il-għan il-vittmi tat-traffikar għandhom jirċievu t-trattament xieraq għall-ħtiġijiet tagħhom matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali għandha tieħu kont taċ-ċirkostanzi bħalma huma l-età, it-tqala, is-saħħa, id-diżabbiltà u kondizzjonijiet personali oħra, kif ukoll il-konsegwenzi fiżiċi u psikoloġiċi tal-attività kriminali li għaliha ġiet sottoposta l-vittma. Jekk u kif it-trattament jiġix applikat għandu jiġi deċiż f'konformità mar-raġunijiet definiti mil-leġislazzjoni nazzjonali, ir-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja, prattika u gwida, każ b'każ.

(13a) Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ għandhom jingħataw lill-vittmi fuq bażi konsenswali u infurmata. Il-vittmi għandhom għalhekk ikunu infurmati bl-aspetti importanti ta' dawn il-miżuri u dawn il-miżuri m'għandhomx jiġu imposti fuq il-vittmi. Ir-rifjut ta' vittma għall-miżuri ta' assistenza u appoġġ m'għandhomx jinkludu ***(…)*** obbligi għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat biex jipprovdi lill-vittma miżuri alternattivi.

(14) Minbarra dawn il-miżuri disponibbli lill-vittmi kollha tat-traffikar tal-bnedmin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li assistenza, appoġġ u miżuri protettivi speċifiċi jkunu disponibbli għall-vittmi li huma tfal. Dawn il-miżuri għandhom jiġu pprovduti fl-aħjar interess tat-tfal u f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU. Meta l-età tal-persuna soġġetta għat-traffikar mhix ċerta, u hemm raġunijiet għaliex wieħed jemmen li hija taħt it-18-il sena, dik il-persuna għandha titqies li hi tfal u tirċievi assistenza, appoġġ u protezzjoni immedjati. Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ għat-tfal vittmi għandhom jiffukaw fuq il-fejqan fiżiku u psiko-soċjali tagħhom u fuq soluzzjoni dejjiema għall-persuna ikkonċernata. Aċċess għall-edukazzjoni jgħin lit-tfal biex jerġgħu jintegraw fis-soċjetà. Peress li t-tfal vittmi tat-traffikar huma partikolarment vulnerabbli, għandu jkun hemm disponibbli miżuri protettivi addizzjonali sabiex jipproteġuhom matul l-intervisti li jiffurmaw parti mill-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali.

(14a) Attenzjoni speċjali għandha tingħata għat-tfal mhux akkumpanjati vittmi tat-traffikar tal-bnedmin minħabba li jkun jeħtieġu assistenza u appoġġ speċifiku minħabba s-sitwazzjoni tagħhom ta' vulnerabbiltà partikolari. Mill-mument meta tfal mhux akkumpanjati vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikunu identifikati u sakemm tinstab soluzzjoni dejjiema, l-Istati Membri għandhom japplikaw miżuri ta' akkoljenza rigward il-ħtiġijiet tat-tfal u għandhom jiżguraw li l-garanziji proċedurali rilevanti japplikaw. Għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex, fejn adatt, jinħatru tutur u/jew rappreżentat għall-minorenni sabiex jiġu ssalvagwardjati l-aħjar interessi tiegħu jew tagħha. Għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-futur tat-tfal mhux akkumpanjati vittmi tat-traffikar tal-bnedmin fl-iqsar perijodu ta' żmien possibbli bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet dejjiema bbażati fuq valutazzjoni individwali tal-aħjar interess tat-tifel ehw tifla, li għandu jkun konsiderazzjoni primarja. Is-soluzzjoni dejjiema tista' tkun ir-ritorn u r-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini jew il-pajjiż ta' ritorn, l-integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti, l-għoti ta' status internazzjonali jew l-għoti ta' status ieħor skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.

(14b) Meta, f'konformità ma' din id-Direttiva, għandhom jinħatru tutur u/jew rappreżentant għat-tfal, dawn ir-rwoli jistgħu jitwettqu mill-istess persuna jwe minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità.

(15) L-Istati Membri għandhom jistabblixxu u/jew isaħħu il-linji ta' politika biex jipprevjenu t-traffikar tal-bnedmin inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament u miżuri biex jitnaqqas ir-riskju ta' nies li jaqgħu vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, permezz tar-riċerka, l-informazzjoni, it-tkabbir tal-kuxjenza u l-edukazzjoni. F'dawn l-inizjattivi l-Istati Membri għandhom jadottaw approċċ ta' perspettiva tal-ġeneru u tad-drittijiet tat-tfal. Kwalunkwe uffiċjali li jistgħu jiġu f'kuntatt mal-vittmi jew vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin għandhom jiġu adegwatament imħarrġa biex jidentifikaw u jittrattaw ma' tali vittmi. Dan l-obbligu ta' taħriġ (…) għandu jiġi promoss għall-membri tal-kategoriji differenti li ġejjin meta huma x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi: uffiċjali tal-pulizija, gwardjani fuq il-fruntieri, uffiċjali tal-immigrazzjoni, prosekuturi pubbliċi, avukati, membri tal-ġudikatura u uffiċjali tal-qrati, spetturi tax-xogħol, persunal tal-kura tas-saħħa, tat-tfal u soċjali u persunal konsulari, iżda jista', skont iċ-ċirkustanzi lokali, jinvolvi gruppi oħra ta' uffiċjali pubbliċi li x'aktarx jiltaqgħu ma' vittmi ta' traffikar fix-xogħol tagħhom.

(16) Id-Direttiva 2009/52/KE tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi ta' sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali tipprevedi pieni għal min iħaddem lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali li, filwaqt li ma ġewx akkużati jew misjuba ħatja bi traffikar tal-bnedmin, jużaw xogħol jew servizzi li ġejjin minn persuna bil-konsapevolazza li hu/hi huma vittma ta' tali traffikar. Barra minn dan, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-possibbiltà li jimponu sanzjonijiet fuq l-utenti ta' kull servizz li ġej minn vittma, bl-għarfien li hu/hi ġew traffikati. Din il-kriminalizzazzjoni ulterjuri tista' tinkludi lil minn iħaddem lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali u ċittadini tal-UE, kif ukoll xerrejja ta' servizzi sesswali minn kwalunkwe persuna traffikata, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom.

(17) Is-sistemi ta' monitoraġġ nazzjonali bħar-Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri, bil-mod li jikkunsidraw adatt f'konformità mal-organizzazzjoni interna tagħhom, u b'kont meħud tal-ħtieġa ta' struttura minima b'kompiti identifikati, sabiex titwettaq valutazzjoni tax-xejriet fit-traffikar tal-bnedmin, ***tinġabar l-istatistika***, jitkejlu r-riżultati tal-azzjonijiet kontra t-traffikar, u jirrappurtaw regolarment. Dawn ir-Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti diġà huma kostitwiti f'Netwerk informali tal-UE stabbilit mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill fl-4 ta' Ġunju 2009. Il-***(…)***Koordinatur ta' Kontra t-Traffikar ***(…)*** jista' jieħu sehem fil-ħidmiet ta' dan in-Netwerk, li jipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri informazzjoni strateġika objettiva, affidabbli, komparabbli u aġġornata fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin u jiskamba esperjenzi u l-aħjar prattiki fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fil-livell tal-UE. ***Il-Parlament Ewropew għandu jkun intitolat biex jipparteċipa fl-attivitajiet konġunti tar-Relaturi Nazzjonali jew mekkanżmi ekwivalenti.***

***(17a)Sabiex tevalwa r-riżultati tal-azzjonijiet kontra t-traffikar, l-UE għandha tkompli tiżviluppa l-ħidma tagħha dwar il-metodoloġiji u l-metodi tal-ġbir tad-data sabiex tipproduċi statistika komparabbli.***

***(17b) Bil-ħsieb li jiġi żviluppat approċċ konsolidat tal-UE kontra t-traffikar bil-għan tat-tisħiħ ulterjuri tal-impenn tal-UE u l-Istati Membri, u l-isforzi li huma għamlu, biex jipprevjenu u jiġġieldu t-traffikar, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kompiti tal-Koordiantur tal-UE Kontra t-Traffikar li jistgħu jinkludu pereżempju t-titjib tal-koordinazzjoni u tal-koerenza bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenziji tal-UE kif ukoll mal-Istati Membri u l-atturi internazzjonali, il-kontribut għall-elaborazzjoni ta' politiki eżistenti jew ġodda tal-UE li huma rilevanti għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin jew ir-rappurtar lill-istituzzjonijiet Ewropej.***

***(18)***F'konformità mal-paragrafu 34 tal-ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, il-Kunsill għandu jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom stess, li sa fejn ikun possibbli, jindikaw il-korrelazzjoni bejn id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.

(19) Billi l-għan ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jiġi milħuq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 3 u 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu tal-aħħar, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(20) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rrikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u partikolarment id-dinjità umana, il-projbizzjoni tal-iskjavitù, ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew kastig inuman u degradanti, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għall-libertà, is-sigurtà, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u l-prinċipju ta' legalità u proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni. B'mod partikolari, din id-Direttiva trid tiggarantixxi r-rispett sħiħ għad-drittijiet u l-prinċipji u għandha tiġi implimentata adegwatament.

(21)[1] F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat x-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

F'konformità mal-Artikolu 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhux ser ikun marbut minn jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

[1] Recitals (21) reflects the positions of IE, UK and DK respectively.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Tratttat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi regoli minimi li jikkonċernaw id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin. Għandha l-għan ukoll li tintroduċi dispożizzjonijiet komuni, b'kont meħud tal-perspettiva dwar is-sessi, biex tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-protezzjoni tal-vittmi tagħha.

*Artikolu 2*

**Reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-atti intenzjonali li ġejjin ikunu punibbli:
   Ir-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-akkoljenza ta' persuni, inkluż l-iskambju jew it-trasferiment tal-kontroll fuq dik il-persuna, permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' ġegħil, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, tal-abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew tar-riċeviment ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li għandha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament.

2. Pożizzjoni ta' vulnerabbiltà isseħħ meta l-persuna ma' jkollha l-ebda alternattiva reali u aċċettabbli iżda li tissottometti għall-abbuż involut.

3. L-isfruttament għandu jinkludi, tal-inqas, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, inklużi l-elemożina, l-iskjavitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, is-servitù, jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali, jew it-tneħħija ta' organi.

4. Il-kunsens ta' vittma tat-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament, intenzjonat jew reali, għandu jkun irrelevanti fejn kwalunkwe wieħed mill-mezzi msemmijin fil-paragrafu 1 ikunu ġew użati.

5. Meta l-imġiba msemmija fil-paragrafu 1 jinvolvi t-tfal, dan għandu jkun reat ta' traffikar tal-bnedmin punibbli anke jekk l-ebda wieħed mill-mezzi msemmijin fil-paragrafu 1 ma jkunu ġew użati.

6. Għall-fini ta' din id-Direttiva, "tfal" għandha tfisser kwalunkwe persuna taħt it-tmintax-il sena.

*Artikolu 3*

**Istigazzjoni, għajnuna, kompliċità u attentati**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-istigazzjoni ta', l-għajnuna, il-kompliċità jew l-attentati biex jitwettaq reat imsemmi fl-Artikolu 2 ikunu punibbli.

*Artikolu 4*

**Pieni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw illi reat msemmi fl-Artikolu 2 huwa punibbli b'pieni ta' massimu ta' mill-inqas ħames snin priġunerija.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reat imsemmi fl-Artikolu 2 huwa punibbli b'pieni ta' massimu ta' mill-inqas għaxar snin ta' priġunerija fejn ikun twettaq fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) ir-reat ikun twettaq kontra vittma li kienet partikolarment vulnerabbli, li, fil-kuntest ta' din id-Direttiva, għandha tinkludi mill-inqas il-vittmi tfal;

(b) ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Qafas 2008/841/ĠAI.

(c) ir-reat ikun deliberatament jew permezz ta' negligenza gravi poġġa l-ħajja tal-vittma fil-periklu;

(d) ir-reat ikun twettaq bl-użu ta' vjolenza serja jew ikun ikkawża ħsara partikolarment serja lill-vittma.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-fatt li r-reat ikun twettaq minn uffiċjal pubbliku fit-twettiq ta' dmirijietu jitqies bħala ċirkostanza aggravanti.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li reat imsemmi fl-Artikolu 3 ikun punibbli permezz ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, li jistgħu jinvolvu l-konsenja.

*Artikolu 5*

**Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għal reat msemmi fl-Artikolu 2 u 3, li jkunu saru għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li jaġixxu individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, li jkollhom pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, bbażata fuq:

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika, jew
(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika, jew
(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, tkun għamlet possibbli t-twettiq tar-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 2 u 3 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika skont il-paragrafi 1 u 2 m'għandhiex teskludi proċedimenti kriminali kontra persuni fiżiċi li huma awturi, instigaturi jew aċċessorji fir-reati msemmijin fl-Artikoli 2 u 3.

4. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, 'persuna ġuridika' għandha tfisser kull entità li għandha personalità ġuridika skont il-liġi applikabbli, minbarra l-Istati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità Statali u għall-organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

*Artikolu 6*

**Sanzjonijiet kontra persuni ġuridiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skont Artikolu 5(1) u (2) hija punibbli b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra, bħal:

   (a) l-esklużjoni mid-dritt għal benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;
   (b) l-iskwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;
   (c) it-tqegħid taħt sorveljanza ġudizzjarja;
   (d) stralċ ġudizzjarju;
   (e) għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li jkunu ntużaw għat-twettiq tar-reat.

<u>*Artikolu 6a*</u>

<u>***Qbid u Konfiska***</u>

<u>L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu intitolati li jaqbdu u jikkonfiskaw il-mezzi strumentali u r-rikavati mir-reati msemmija f'din id-Direttiva.</u>

*Artikolu 7*

**Ebda prosekuzzjoni jew applikazzjoni ta' pieni lill-vittma**

L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistema legali <u>tagħhom</u>, <u>jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali s-setgħat li ma jħarrkux jew jimponu</u> pieni fuq vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għall-involviment tagħhom <u>***(…)***</u> f'attivitajiet kriminali <u>***(…)***</u> li huma jkunu ġew sfurzati jwettqu <u>***(…)***</u> bħala konsegwenza diretta tas-soġġezzjoni tagħhom għal kwalunkwe wieħed mill-atti msemmijin fl-Artikolu 2.

*Artikolu 8*

**Investigazzjoni u prosekuzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmijin fl-Artikoli 2 u 3 ma jkunux dipendenti mir-rappurtar jew l-akkuża magħmula minn vittma u li l-proċedimenti kriminali jistgħu ikomplu anke jekk il-vittma tkun irtirat id-dikjarazzjoni tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu, meta (…) n-natura tal-att jeħtieġ dan, il-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2 u 3 għal perijodu ta' żmien suffiċjenti wara li l-vittma ssir maġġorenni.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmijin fl-Artikoli 2 u 3 jkunu mħarrġa kif meħtieġ.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod investigattivi effettivi, bħalma huma dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew ta' kriminalità serja oħra, ikunu disponibbli għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmijin fl-Artikoli 2 u 3.

*Artikolu 9*

**Ġurisdizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom fuq reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 fejn:

   (a) ir-reat ikun twettaq totalment jew parzjalment fit-territorju tagħhom; jew
   (b) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni meta huma jiddeċiedu li jistabbilixxu ġurisdizzjoni ulterjuri fuq reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 mwettqa barra mit-territorju tagħhom, pereżempju, fejn:

a) ir-reat huwa mwettaq kontra wieħed miċ-ċittadini tagħhom jew persuna li għandha r-residenza abitwali tagħha fit-territorju ta' dak l-Istat Membru; jew

b) ir-reat jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju ta' dak l-Istat Membru; jew

c) it-trasgressur għandu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

3. Għall-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 imwettaq barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, kull Stat Membru għandu, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1b) u jista', fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-ġurisdizzjoni tiegħu ma tkunx subordinata għall-kondizzjoni:

(a) li l-atti huma reati kriminali fil-post fejn ikunu twettqu jew

(b) li l-prosekuzzjoni tista' tiġi inizjata biss wara rapport li jkun sar mill-vittma fil-post fejn ikun sar ir-reat, jew denunzja mill-Istat tal-post fejn ikun sar ir-reat.

*Artikolu 10*

**Assistenza u appoġġ għal vittmi ta' traffikar tal-bnedmin**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu pprovduti assistenza u appoġġ għall-vittmi qabel, waqt u għal żmien adatt wara l-proċedimenti kriminali sabiex tippermettilhom li jeżerċaw id-drittijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali, u f'din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna tiġi pprovduta bl-assistenza u l-appoġġ hekk kif l-awtoritajiet kompetenti għandhom indikazzjoni raġonevoli li l-persuna setgħet ġiet soġġetta għal reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-assistenza u l-appoġġ għall-vittma ma jkunux kondizzjonali fuq il-volontà tal-vittma li (…) tikkoopera fl-investigazzjoni kriminali, il-prosekuzzjoni u l-proċess, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/81/KE dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti, jew regoli nazzjonali simili.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu mekkaniżmi adatti immirati lejn l-identifikazzjoni, l-assistenza u l-appoġġ bikrija lill-vittmi, b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti.

5. Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1 u l-paragrafu 2 għandhom jingħataw fuq bażi konsenswali u informata, u għandhom jinkludu mill-inqas livelli ta' għejxien li kapaċi jiżguraw is-sussistenza tal-vittmi permezz ta' miżuri bħal akkomodazzjoni adatta u sigura u assistenza materjali kif ukoll it-trattament mediku meħtieġ inkluża l-assistenza psikoloġika, l-għoti ta' pariri u informazzjoni, servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fejn adatt.

6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 għandha tkopri, fejn rilevanti informazzjoni dwar perijodu ta' riflessjoni u fejqan skont id-Direttiva 2004/81/KE[1] u informazzjoni dwar il-possibbiltà li tingħata protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE[2] u d-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE[3] jew skont l-istrumenti nazzjonali jew regoli nazzjonali simili oħra.

7. L-Istati Membri għandhom jassistu lill-vittmi bi ħtiġijiet speċjali, li jirriżultaw b'mod partikolari mit-tqala, mill-kondizzjonijiet tas-saħħa, mid-diżabbiltà, mid-diżordnijiet mentali u psikoloġiċi, jew minn forom serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

---

[1] Id-Direttiva 2004/81/KE dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat

*Artikolu 11*

**Protezzjoni ta' vittmi ta' traffikar tal-bnedmin f'investigazzjoni u proċedimenti kriminali**

1. Il-miżuri ta' protezzjoni msemmijin f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw b'żieda mad-drittijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess għal parir legali, u, konformement mar-rwol tal-vittmi fis-sistema tal-ġustizzja rilevanti, għal rappreżentazzjoni legali, inkluż għall-fini ta' talba għal kumpens. Il-parir legali u r-rappreżentanza legali għandha tkun mingħajr ħlas meta l-vittma ma jkollhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti. ***(…)***

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jirċievu protezzjoni adatta abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju individwali, inter alia billi jkollhom aċċess għall-programmi ta' protezzjoni tax-xhieda (…) miżuri simili oħra, jekk adatt u konformement mar-raġunijiet definiti mil-leġislazzjoni jew il-proċeduri nazzjonali.

4. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, u skont valutazzjoni individwali mill-awtoritajiet kompetenti taċ-ċirkostanzi personali tal-vittma, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jirċievu trattament speċifiku mmirat għall-prevenzjoni ta' vittimizzazzjoni sekondarja, billi jiġu evitati, sa fejn hu possibbli u skont ir-raġunijiet definiti mil-leġislazzjoni nazzjonali kif ukoll permezz ta' regoli ta' diskrezzjoni, prattika jew gwida ġudizzjarja:
   (a) ir-ripetizzjoni mhux meħtieġa ta' intervisti matul l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-proċess;
   (b) il-kuntatt viżiv bejn il-vittmi u t-trasgressuri inkluż matul l-għoti tax-xhieda bħal fl-intervisti u l-kontroeżami, b'mezzi adatti inkluż bl-użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni adatti;
   (c) l-għoti ta' xhieda fil-qorti bil-miftuħ;
   (d) il-mistoqsijiet mhux meħtieġa rigward il-ħajja privata.

*Artikolu 12*

**Dispożizzjoni ġenerali dwar il-miżuri ta' assistenza, appoġġ u protezzjoni għal tfal vittmi tat-traffikar tal-bnedmin**

1. Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li huma tfal għandhom jingħataw l-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni (…). Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-età ta' persuna soġġetta għat-traffikar tal-bnedmin mhix ċerta u hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li l-persuna hija tifla jew tifel, din il-persuna tkun preżunta li hija tifel jew tifla sabiex tirċievi aċċess immedjat għall-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni b'konformità mal-Artikoli 13 sa 14.

*Artikolu 13*

***Assistenza u appoġġ għal tfal vittmi*** (…)

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw lit-tfal vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, fit-terminu qasir u għat-tul, fil-fejqan fiżiku u psikosoċjali tagħhom wara li tkun saret evalwazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma tifel jew tifla partikolari, waqt li jittieħed kont tal-fehmiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tat-tifel jew tifla bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni dejjiema għat-tifel jew tifla.

   Fi żmien raġonevoli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess għall-edukazzjoni lit-tfal vittmi u lit-tfal tal-vittimi, li jingħataw għajnuna u appoġġ f'konformità mal-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha.

1a. L-Istati Membri għandhom jaħtru tutur jew rappreżentant għat-tifel jew tifla vittmi tat-traffikar tal-bnedmin mill-mument meta hu/hi tkun identifikat/a mill-awtoritajiet fejn, bil-liġi nazzjonali, il-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri huma, bħala riżultat ta' konflitt ta' interess bejnhom u t-tifel jew tifla li jkunu vittmi, preklużi milli jiżguraw l-aħjar interess tat-tifel jew tifla u/jew milli jirrappreżenta lit-tifel jew tifla.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri, fejn adatt u possibbli, li jipprovdu assistenza u appoġġ lill-familja tat-tfal vittmi tat-traffikar tal-bnedmin meta l-familja tkun fit-territorju tal-Istat Membru. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom, fejn adatt u possibbli, japplikaw l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI tal-Kunsill lill-familja.

3. Dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mal-Artikolu 10.

*Artikolu 14*

**Protezzjoni ta' tfal vittmi ta' traffikar tal-bnedmin f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali**

1. L-Istati Membri għandhom jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema tal-ġustizzja rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant għat-tfal vittmi ta' traffikar tal-bnedmin fejn, bil-liġi nazzjonali, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu preklużi milli jirrappreżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' konflitt ta' interess bejnhom u bejn it-tfal vittmi.

1a. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti, jiżguraw li t-tfal vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess mingħajr dewmien għal pariri legali b'xejn u għal rappreżentanza legali b'xejn, inkluż għall-fini ta' talba għal kumpens, dment li ma jkollhomx riżorsi finanzjarji biżżejjed.

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fil-proċedimenti kriminali ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3:

(a) l-intervisti mal-vittmi tfal isiru mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li l-fatti jkunu ġew irrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti;

(b) l-intervisti mat-tfal vittmi jsiru, fejn meħtieġ, f'post imfassal jew adattat għal dan il-fini;

(c) l-intervisti mat-tfal vittmi jitwettqu, fejn meħtieġ, minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dan il-fini;

(d) l-istess persuni, jekk possibbli u fejn adatt, imexxu l-intervisti kollha mat-tfal vittmi;

(e) l-għadd ta' intervisti jkun limitat kemm jista' jkun u l-intervisti jitwettqu biss fejn strettament meħtieġ għall-fini ta' proċedimenti kriminali;

(f) it-tfal vittmi jistgħu jkunu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom jew, fejn adatt, adult tal-għażla tagħhom, sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni raġunata kontra fir-rigward ta' dik il-persuna.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 2 sa 3 l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn adatt, ma' xhud tifel jew tifla, issir reġistrazzjoni vidjo tagħhom u li dawn l-intervisti rreġistrati bil-vidjo jistgħu jintużaw bħala prova fil-proċedimenti tal-qorti kriminali, b'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tiegħu.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw, fi proċedimenti kriminali relatati ma' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3, li jista' jiġi ordnat li:

(a) is-seduta għandha ssir mingħajr il-preżenza tal-pubbliku;

(b) it-tfal vittmi jkunu jistgħu jagħtu xhieda fl-awla tal-qorti mingħajr ma jkunu preżenti, b'mod partikolari bl-użu ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni adatti.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mal-Artikolu 11.

*Artikolu 14a*

**Assistenza, appoġġ u protezzjoni għal tfal mhux akkumpanjati vittmi tat-traffikar tal-bnedmin**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw lit-tfal vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 13(1), jieħdu kont taċ-ċirkostanzi personali u speċjali tat-tfal vittmi mhux akkumpanjati.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni dejjiema bbażata fuq valutazzjoni individwali tal-aħjar interessi tat-tfal.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw, fejn adatt, li jinħatar tutur għat-tfal mhux akkumpanjati vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti l-awtoritajiet jaħtru rappreżentant fejn it-tfal ma jkunux akkumpanjati jew separati mill-familja tagħhom.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mal-Artikoli 13 u 14.

*Artikolu 14b*

**Kumpens lill-vittmi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom aċċess għal skemi eżistenti għall-kumpens lill-vittmi ta' reati intenzjonali vjolenti.

*Artikolu 15*

**Prevenzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri adatti bħall-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li tħeġġeġ il-forom kollha ta' sfruttament relatat mat-traffikar tal-bnedmin.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet adatti inkluż permezz tal-internet bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni, fejn adatt f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, immirati lejn is-sensibilizzazzjoni u t-tnaqqis tar-riskju ta' nies, speċjalment tfal, milli jsiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

3. L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ regolari għall-uffiċjali li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi pulizija li jaħdmu f'dan il-qasam, bil-għan li jkunu jistgħu jidentifikaw u jittrattaw mal-vittmi u l-vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin.

*3a. (…)*

4. Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar isiru aktar effettivi billi tiġi skoraġġita d-domanda, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jieħdu l-miżuri biex jistabilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma oġġett ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2 bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2.

*Artikolu 16*

**Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu Rapporteurs Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti. Il-kompiti ta' tali mekkaniżmi għandhom jinkludu t-twettiq ta' valutazzjonijiet dwar it-tendenzi tat-traffikar tal-bnedmin, il-kejl tar-riżultati ta' azzjonijiet kontra t-traffikar, ***inklużi l-ġbir ta' statistika f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili attivi f'dan il-qasam***, u r-rappurtar. ***(…)***

***Artikolu 16a***

***Koordinazzjoni tal-approċċ tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin***

***Sabiex jikkontrivwixxu għal approċċ ikkoordinat u kkonsolidat tal-Unjoni Ewropea konta t-traffikar tal-bnedmin, l-Istati Membri għandhom jiffaċiltaw il-kompiti tal-Koordinatur Kontra t-Traffikar (ATC). B'mod partikolari l-Istati Membri għandhom jibagħtu informazzjoni rilevanti lill-ATC, inkluża informazzjoni msemmija fl-Artikolu 16, sabiex l-ATC ikun jista' jirrapporta [kull sentejn] [fuq bażi regolari] dwar il-progress li jkun sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.***

*Artikolu 17*

**Revoka tad-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI**

Id-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin hija b'dan irrevokata ***fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva***[1], mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward l-iskadenza għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali.

***Fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva***, ir-referenzi għad-Deċiżjoni Qafas irrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva.

1 Inserzjoni fuq it-talba tas-Servizz Legali tal-Kunsill.

*Artikolu 18*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ***sentejn*** MILL-ADOZZJONI.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom permezz ta' din id-Direttiva.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

*Artikolu 19*

**Rappurtar**

1. Il-Kummissjoni għandha, sa ***sentejn*** mill-***iskadenza stabbilita fl-Artikolu 18***, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-punt safejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, ***inkluża deskrizzjoni ta' miżuri applikati taħt l-Artikolu 15(4)***, akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti adegwati.

2. Il-Kummissjoni għandha, sa [... snin mill-adozzjoni], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-impatt tal-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti li tikkriminaliza l-utenti ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament tat-traffiku tal-bnedmin fuq il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti leġislattivi.

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 21*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
| Il-President | Il-President |